**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 51 - L-ERBGĦA 22 TA' MARZU 2023**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:50.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Christopher Deguara | Viċi Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Assistent Uffiċjal Prinċipali |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook.*

## 1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

1.1 Is-SE informa li l-Kunsillier Brincat għall-bidu tal-laqgħa kien se jingħaqad permezz ta' *teams* u wara kien se jattendi għal-laqgħa.

## 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-**laqgħa numru 50 li saret l-Erbgħa 22 ta' Frar 2023** li kienu meqjusa moqrija.

2.2 Il-minuti ġew approvati (*nem con*) wara proposta mill-Kunsillier Gatt, issekondata mill-Kunsillieri Deguara u Cuomo.

2.3 ***Arising* minn punt nru. 9 dwar il-Patt tas-Sindki –** Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa mal-President tar-Reġjun rigward il-Patt tas-Sindki. Ġiet infurmatha li s-Sindki tar-Reġjun ma wrewx interess.

2.4 ***Arising* minn punt nru. 10.2 dwar il-proġett slow streets –** Is-Sindku infurmat li l-applikazzjoni *Grant Scheme for the Implementation of Active Mobility or Citizen Engagement Measures* ġiet milqugħa. Żiedet tgħid li hi tinsab sodisfatta li l-iskemi kollha li l-Kunsill applika għalihom kollha ġew approvati. F'din l-iskema hemm €20,000 fondi li bihom il-Kunsill se jkun qed jimplimenta miżuri ta' *slow streets*, aktar informazzjoni jinsabu fil-minuti tal-kumitat tal-finanzi.

## 3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku ppreżentat il-kommunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2 Fl-1 ta' Marzu s-Sindku kellha laqgħa *onsite* mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi minħabba l-immaniġġjar ta' *storm water* ta' Triq Leli Falzon. Huma infurmawha li ma kienx hemm bżonn dan l-intervent għaliex jinsabu fi stat tajjeb.

3.2.1 Fuq dan il-punt infetħet diskussjoni.

3.2.2 Il-Kunsillier Spiteri informa li ma jaqbilx mad-Dipartiment rigward li mhux se jsiru interventi minn naħa tagħhom. Is-Sindku rrispondiet li kkomunikat mal-Ministru rigward dan kif ukoll mal-Perit tal-Kunsill fejn infurmaha li kull triq li tiġi rranġata, din għandha tiġi inkluża

3.2.3 Il-Viċi Sindku issuġerixxa li l-Kunsill jikteb ittra lir-residenti tat-triq fejn jiġu nfurmati f'liema stadju waslu Infrastruttura Malta kif ukoll jiġu nfurmati li x-xogħol li se jsir minn naħa tagħhom se jkun l-wiċċ tat-triq biss.

3.2.4 Il-Kunsillier Gatt issuġġerixxa li IM joħorġu ċertifikat li x-xogħol li hemm taħt l-art għadhom fi stat tajjeb.

3.2.5 Kienu s-18:20, fejn f'dan il-ħin il-Kunsillier Brincat informa li se jattendi fis-sala tal-Kunsill għal-laqgħa.

3.2.6 Is-SE spjega li IM se jkunu responsabbli f'kollox. Il-Perit tal-Kunsill se jkun imdaħħal biss fuq proposta li għamel il-Kunsill u mhux se jidħol fid-dettal tal-*gutters* etc. Żied jgħid li kull ma l-Perit daħal fiha hija s-sitwazzjoni ta' qudddiem il-Mitħna fejn hemmhekk tiġi *plateau* u għalhekk għandu jsir *gutter* taħtha.

3.2.7 Is-Sindku kkonkludiet li tagħti l-kuntatt tal-Perit ta' IM lill-Kunsillier Spiteri minħabba li hu responsabbli mill-infrastruttura.

3.3 Fil-21 ta' Marzu kellha ssir laqgħa mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-proposta li jinbena distributur tal-enemalta. 15-il minuta qabel kellha tibda l-laqgħa ġew infurmati li l-laqgħa ġiet differita għas-6 ta' April.

3.4 Rigward l-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq Leli Falzon, il-Perit jinsab fl-aħħar fażi tal-pjanti. Kif dawn jiġu ffinalizzati, dawn se jiġu diskussi ma' TM. Skont ir-riżultat, dawn se jiġu diskussi mal-Kunsill u wara ssir konsultazzjoni mar-residenti.

*3.5* Fit-13 ta' Marzu s-Sindku kellha laqgħa tar-Reġjun Tramuntana.

*3.6* Fil-5 ta' Marzu saret l-inawgurazzjoni tal-*Outdoor Gym.* Hi rringrazzjat lill-Kunsillieri li kienu preżenti għal dan il-ftuħ. Preżenti kien hemm il-Kunsillieri

Brincat, Cuomo, Deguara u Spiteri. Irringrazzjat lill-Kunsillier Deguara li kkordina l-attività tar-roti. Irringrazzjat ukoll lis-SE Paul Gatt kif ukoll lill-uffiċċjal tal-Kunsill Gloria Debono. Preżenti wkoll kien hemm il-Ministru Zrinzo Azzopardi, s-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli u s-*Shadow Ministers* Darren Carabott u Stanley Zammit.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.1.1 Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/51) anness f'appendiċi A.

5.1.2 Lista ta' dħul tax-xahar ta' Frar anness f'appendiċi B.

5.1.3 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Frar anness f'appendiċi Ċ.

5.1.4 Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Frar anness f'appendiċi D.

5.2 Il-Kunsill approva r-rapporti (*nem con*) fuq proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillier Deguara.

## 6. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI

6.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret il-Ħamis 16 ta' Marzu (anness f'appendiċi E).

6.2 Il-Kunsill approva dawn il-minuti (*nem con*) fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Deguara.

## 7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI

7.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u Lmenti li saret il-Ħamis 16 ta' Marzu (anness f'appendiċi F).

7.2 Il-Kunsill approva dawn il-minuti (*nem* con) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Spiteri.

## 8. TIBDIL FL-ORDNI TAL-LAQGĦA

8.1 Fuq proposta mis-Sindku il-Kunsill qabel li jibdel l-ordni tal-agenda u għalhekk il-laqgħa pproċediet kif indikat f'dawn il-minuti.

## 9. SKEMA SPI/SCI/01/2023 – SKEMA GĦALL-ATTIVITAJIET KULTURALI ANNWALI 2023/2024 (DATA TA' L-GĦELUQ – L-ERBGĦA, 26 TA' APRIL 2023)

9.1 Is-Sindku staqsiet lill-Kunsillier Gaffiero jekk jaċċettax li jieħu ħsieb din l-iskema. Hu aċċetta.

9.2 Hi infurmatu li se ttih kuntatt ta' persuna li hi nkarigata fuq attivitajiet li taħdem ir-Reġjun Tramuntana. Żiedet tgħid li tajjeb li jinħarġu ideat ġodda u innovattivi għal dawn l-attivitajiet.

9.3 Is-SE informa li kull min se jaħdem fuq dawn l-iskemi importanti li jidħlu fid-dettal tal-linji gwidi. Żied jgħid ukoll li x-xogħol irid isir malajr għaliex jekk ikun meħtieġ assistenza tal-amministrazzjoni ma jkunx hemm biżżejjed ħin jekk jaslulu fl-aħħar jiem qabel tagħlaq l-iskema.

## 10. SPI/SCI/02/2023 – ESPRESSJONI TA' INTERESS GĦAL SERVIZZ TA' MANUTENZJONI FIL-LIBRERIJI LOKALI U REĠJONALI FIL-LOKALITAJIET MADWAR MALTA U GĦAWDEX (DATA TA' L-GĦELUQ -IL-ĠIMGĦA, 28 TA' APRIL 2023)

10.1 Is-Sindku talbet lill-Kunsillier Gatt biex jidħol fid-dettal u jara jekk t'applikax għall-Kunsill.

10.2 Il-Kunsillier Gatt aċċetta.

## 11. SPI/SCI/03/2023 – ESPRESSJONI TA' INTERESS: THE WORLD CLEANUP CAMPAIGN 2023 (DATA TA' L-GĦELUQ – IL-ĦAMIS, 15 TA' ĠUNJU 2023)

11.1 Il-Kunsillier Gatt informa li se jidħol fid-dettal fuq din l-applikazzjoni.

11.2 Żied jgħid li f'każ li tkun bhal tas-sena l-oħra li kienet iffukata l-aktar fuq azzjoni dak iż-żmien kien ġie deċiż li l-Kunsill ma japplikax.

11.3 Hu nforma li se jikkomunika mal-Kunsill dwar din l-applikazzjoni wara li jara x'fiha eżatt.

## 12. PA 01041/23 – *TO SANCTION POSITION OF APERTURES ON PARTS OF THE FAÇADE AND PROPOSED EXTENSION TO EXISTING OFFICES (CLASS 4A) AND THE CONSTRUCTION OF A NEW CLASS 4A OFFICE FLOOR. – WASTESERV APPLICATION*

12.1 Is-Sindku infurmat li se titkellem mal-Perit u tgħaddi l-kummenti tiegħu lil Kunsill.

12.2 Hi infurmat li din se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 13. PJAN TA' TLIET SNIN

13.1 Kienu s-18:45 u dan il-ħin wasal il-Kunsillier Brincat.

13.2 Is-SE ippreżenta l-pjan ta' ħidma.

13.3 Is-Sindku flimkien mas-SE spjegaw fid-dettal u ddiskutew mal-Kunsillieri preżenti dwar dan il-pjan.

13.4 Trasport Pubbliku.

13.4.1 Dwar punt numru 1 - il-Kunsillier Brincat issuġerixxa li l-Kunsill jipproponi lill-Gvern Ċentrali sabiex isir proġett pilota. It-trasport ikun b'xejn fil-lokalità u jkun ta' benefiċċju għal kulħadd b'hekk inaqqas it-traffiku fil-lokalità. Il-vetturi jkunu żgħar u jkunu elettriċi. Il-Kunsill qabel.

13.4.2 Dwar punt numru 4 - il-Kunsillier Cuomo ssuġġerit li mal-lista iżid aktar parkeġġi tad-diżabiltà.

13.5 Komunità Kummerċjali.

13.5.1 Dwar punt numru 3 – Il-Kunsill iddeċida li din il-parti titneħħa.

13.6 Kienu t-19:40 u f'dan il-ħin il-Viċi Sindku telaq mill-kumplament tal-laqgħa.

13.7 Il-Kunsill qabel mal-pjan ta' ħidma.

**14. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

14.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Erbgħa 26 ta' April 2023 fis-17:45.

14.2 Il-Laqgħa ntemmet fit-19:46.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY)** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

**KUNSILL LOKALI IN-NAXXAR**

15 ta’ Marzu, 2023

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## AĠENDA Numru 8/51

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Naxxar

Lis-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillieri,

Qiegħed tiġi mitlub/a tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 22 ta’ Marzu 2023 fil-5:45 ta’ filgħaxija.

Tista’ tgħażel li tingħaqad b’mod virtwali permezz ta’ sistema virtwali iżda jista’ jkun hemm limitazzjonijiet biex issegwi preżentazzjonijiet li jista’ jkun hemm waqt il-laqgħa. Jista’ wkoll ikun hemm u xi diffikultajiet biex il-pubbliku li jkun qiegħed isegwi live, isegwikom waqt l-interventi. Il-laqgħa se tkun imxandra *live* fuq il-paġna ta’ Facebook tal-Kunsill u se tkun qed tiġi rrekordjata biex tiġi mxandra b’mod *on demand*.

*(IFFIRMATA)*

Paul Gatt

Segretarju Eżekuttiv

---

*Aqleb wara*

# AĠENDA

## LAQGĦA TAL-KUNSILL Numru 8/51

1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' rapporti finanzjarji:

a. Skeda tal-pagamenti;

b. Skeda ta' dħul;

c. Skeda ta' ordnijiet;

d. Infiq mill-Petty Cash;

6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat tal-Finanzi;

7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-sottokumitat tat-talbiet u lmenti;

8 Pjan ta' Tliet Snin;

9 Skema SPI/SCI/01/2023 – Skema għall-attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024 **(Data ta' l-għeluq - l-Erbgħa, 26 ta' April 2023)**;

10 SPI/SCI/02/2023 - Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex **(Data ta' l-għeluq - il-Ġimgħa, 28 ta' April 2023)**;

11 SPI/SCI/03/2023 - Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023 **(Data ta' l-għeluq - il-Ħamis, 15 ta' Ġunju 2023)**.

12 PA 01041/23 - *To sanction position of apertures on parts of the façade and proposed extension to existing offices (Class 4A) and the construction of a new Class 4A office floor*. – Wasteserv application – **Qed titressaq Kunsill minħabba li l-konsulenti għandhom konflitt ta' interess.**

13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mil-15 ta' Frar 2023 sal-15 ta' Marzu 2023**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Accounting & Man Team | €974.02 | €974.02 | T | PF | Project Manager for an EU ERDF Co-financed Project for CultureMill Restoration Feb 23 | 28/02/2023 | 23/039 | n/a | n/a | 7601 |
| 2 | ADI associates | €118.00 | €118.00 | T | PF | Review of planning applications - Feb 2023 | 28/02/2023 | 3864 | n/a | n/a | 3190 |
| 3 | Advisory 21 | €413.00 | €413.00 | T | PF | DPO Services for Feb 23 | 28/02/2023 | 2018-4095 | n/a | n/a | 3190 |
| 4 | Apcopay | €212.40 | €212.40 | NA | PF | Gateway access fee Feb 2023 to Jan 2024 | 22/02/2023 | 16562 | n/a | n/a | 3110 |
| 5 | Arms | €103.02 | €103.02 | NA | PF | Bill for Old Mill (10.11.22-5.1.23) | 20/02/2023 | 35596389 | n/a | n/a | 2130 |
| 6 | Arms | 110.96 | 110.96 | NA | PF | Bill for Xmas decorations (2.11.13-1.1.23) | 06/02/2023 | 35513413 | n/a | n/a | 2160 |
| 7 | Arms | 300.00 | 300.00 | NA | PF | New meter for CCTV's in Triq id-Dwieli, BIC | 13/03/2023 | new single phase needed | n/a | n/a | 2160 |
| 8 | Arms | 300.00 | 300.00 | NA | PF | New meter for Outdoor gym garage in Triq il-Brazil | 13/03/2023 | new single phase needed | n/a | n/a | 2160 |
| 9 | Armor Consultants | €165.20 | €165.20 | K | PF | OHS Site Inspections at Tal-Ghaqba Windmill for Feb | 28/02/2023 | ACLI_7333 | 010/23 | 010/23 | 3190 |
| 10 | Jurgen Attard | €390.00 | €390.00 | T | PF | Football ground guardian Feb 2023 | 28/02/2023 | 3367 | n/a | n/a | 3191 |
| 11 | Michela Aquilina | €160.00 | €160.00 | T | PF | Service of Animator for Junior Science Club for Feb 2023 | 22/02/2023 | nr 5 | n/a | n/a | 3190 |
| 12 | Arms | €110.96 | €110.96 | NA | PF | Christmas lights at Labour Avenue (2.11.22-1.1.23) | 06/02/2023 | 35513413 | n/a | n/a | 2160 |
| 13 | Audio Mix Sound System | €696.20 | €696.20 | K | PF | Sound system for Gieh in Naxxar 11.12.2022 | 06/01/2023 | 2060 | n/a | n/a | 3360 |
| 14 | B.Grima & Sons Ltd | €101.48 | €101.48 | K | PF | Sign and brackets for outdoor gym | 03/03/2023 | 10012851 | 48/23 | 48/23 | 7602 |
| 15 | Bank of Valletta | €30.00 | €30.00 | NA | PF | Grey deposit bags | 18/02/2023 | 072PBAG230490001 | n/a | n/a | 2670 |
| 16 | Bitmac Ltd | €96.29 | €96.29 | K | PF | Instant road repair | 02/03/2023 | 109778 | 32/23 | 32/23 | 2311 |
| 17 | Bitmac Ltd | €96.24 | €96.24 | K | PF | Instant road repair | 13/02/2023 | 108248 | 34/23 | 34/23 | 2311 |
| 18 | Bitmac Ltd | €96.29 | €96.29 | K | PF | Instant road repair | 13/02/2023 | 108231 | 22/23 | 22/23 | 2311 |
| 19 | Bitmac Ltd | €96.24 | €96.24 | K | PF | Instant road repair | 16/02/2023 | 108546 | 35/23 | 35/23 | 2311 |
| 20 | Bitmac Ltd | €96.24 | €96.24 | K | PF | Instant road repair | 17/02/2023 | 108617 | 37/23 | 37/23 | 2311 |
| 21 | Bitmac Ltd | €96.24 | €96.24 | K | PF | Instant road repair | 17/02/2023 | 108616 | 36/23 | 36/23 | 2311 |
| 22 | Bitmac Ltd | €96.29 | €96.29 | K | PF | Instant road repair | 17/02/2023 | 108637 | 41/23 | 41/23 | 2311 |
| 23 | Bitmac Ltd | €96.29 | €96.29 | K | PF | Instant road repair | 17/02/2023 | 108636 | 39/23 | 39/23 | 2311 |
| 24 | Bitmac Ltd | €106.50 | €106.50 | K | PF | Instant road repair | 17/02/2023 | 108673 | 30/23 | 30/23 | 2311 |
| 25 | Bitmac Ltd | €96.29 | €96.29 | K | PF | Instant road repair | 21/02/2023 | 108967 | 42/23 | 42/23 | 2311 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Iffirmat

Anne Marie Muscat Fenech Adami
Sindku

Iffirmat

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

Iffirmat

Proponent

Iffirmat

Sekondant

**Kunsill Lokali: In-Naxxar** Seduta tal-Laqgħa nr 8/51

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mil-15 ta' Frar 2023 sal-15 ta' Marzu 2023**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 26 | Bitmac Ltd | €96.29 | €96.29 | K | PF | Instant road repair | 20/02/2023 | 108841 | 40/23 | 40/23 | 2311 |
| 27 | Blinds and more | €168.89 | €168.89 | K | PF | Zebra blind for library | 25/02/2023 | 13361 | 202/22 | 202/22 | 2995 |
| 28 | Briiz | €1,282.37 | €1,282.37 | T | PF | Cleaning of public convenience in Vjal il-Labour for Feb 23 | 28/02/2023 | 63800 | n/a | n/a | 3053 |
| 29 | George Brincat | €600.00 | €600.00 | K | PF | Yoga sessions Jan-Mar 2023 | 19/02/2023 | nr 1 | 005/23 | 005/23 | 3381 |
| 30 | Grace Camilleri | €236.86 | €236.88 | NA | PF | Naxxar branch librarian - Feb 23 | 28/02/2023 | nr 2 | n/a | n/a | 2995 |
| 31 | Calleja Ltd | 164.3 | 164.3 | K | PF | RCCB, Rectangular Box and Wiring for Gnien l-Għakkie | 27/02/2023 | 70110309 | 50/23 | 50/23 | 7602 |
| 32 | Calleja Ltd | 60.6 | 60.6 | K | PF | 3 globi for Piazza lights | 07/03/2023 | 70110628 | 55/23 | 55/23 | 2370 |
| 33 | Calleja Ltd | 161.44 | 161.44 | K | PF | Light fittings for outdoor gym | 11/08/2022 | 70104608 | | | 2310 |
| 34 | Calleja Ltd | -163.78 | -163.74 | | | credit note for light fittings | 11/08/2022 | 60007720 | | | 2310 |
| 35 | CasaSoft Ltd | €413.00 | €413.00 | K | PF | Hosting for website naxxarwalks.com and maintenance agreement Apr 23-Mar 24 | 01/03/2023 | 1738 | n/a | n/a | 3110 |
| 36 | Benjamin Cilia | €2,370.62 | €2,370.62 | T | PF | Handyman services for Jan 2023 | 31/01/2023 | | n/a | n/a | 3125 |
| 37 | Benjamin Cilia | €1,930.36 | €1,930.36 | T | PF | Handyman services for Feb 2023 | 28/02/2023 | | n/a | n/a | 3125 |
| 38 | Claim for damage | €215.00 | €215.00 | NA | PF | Re-imbursement for a claim in Triq Burmarrad | 13/03/2023 | 012/22 | n/a | n/a | 4007 |
| 39 | Datatrak | €27.92 | €27.92 | NA | PF | 3 pre-regional tickets paid in Feb 2023 | 28/02/2023 | 1014743 | n/a | n/a | 3610 |
| 40 | Dimbros | €1,650.77 | €1,650.77 | T | PF | Bulky refuse service for Feb 2023 | 08/03/2023 | 149 | n/a | n/a | 3042 |
| 41 | DOI | €10.00 | €10.00 | NA | PF | Gov gazette advert re open gym in Triq l-Ghakkies | 16/02/2023 | | n/a | n/a | 2670 |
| 42 | DOI | €10.00 | €10.00 | NA | PF | Gov gazette advert re open gym in Triq l-Ghakkies | 21/02/2023 | | n/a | n/a | 2670 |
| 43 | DOI | €10.00 | €10.00 | NA | PF | Gov gazette advert re mobile dental unit 15.3.23 | 28/02/2023 | | n/a | n/a | 2670 |
| 44 | DOI | €10.00 | €10.00 | NA | PF | Gov gazette advert re tender for decorative luminaries | 10/03/2023 | | n/a | n/a | 2670 |
| 45 | Edinamix | €153.40 | €153.40 | K | PF | Website hosting naxxar.gov.mt Jan 23-24 | 09/03/2023 | 2023/15 | n/a | n/a | 3110 |
| 46 | Epic | €185.09 | €185.09 | NA | PF | Bill for 79404014 for Jan 2023 | 01/02/2023 | 11191439022023 | n/a | n/a | 2160 |
| 47 | Epic | €36.70 | €36.70 | NA | PF | Bill for 99370990 for Jan 2023 | 01/02/2023 | 11192931022023 | n/a | n/a | 2160 |
| 48 | Epic | €49.08 | €49.08 | NA | PF | Bill for 79404014 for Feb 2023 | 01/03/2023 | 11296457032023 | n/a | n/a | 2160 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Iffirmat
Anne Marie Muscat
Fenech Adami
Sindku

Iffirmat
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

Iffirmat
Proponent

Iffirmat
Sekondant

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: Mil-15 ta' Frar 2023 sal-15 ta' Marzu 2023**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 49 | Epic | €36.70 | €36.70 | NA | PF | Bill for 99370990 for Feb 2023 | 01/03/2023 | 11296746032023 | n/a | n/a | 2160 |
| 50 | Galea Cleaning Solutions | €1,062.00 | €1,062.00 | T | PF | Sweeping Sundays extra for Jan 2023 | 31/01/2023 | 280 | n/a | n/a | 3051 |
| 51 | Galea Cleaning Solutions | €11,215.79 | €11,215.79 | T | PF | Sweeping services for Jan 2023 | 31/01/2023 | 281 | n/a | n/a | 3051 |
| 52 | Galea Cleaning Solutions | €1,062.00 | €1,062.00 | T | PF | Sweeping Sundays extra for Feb 2023 | 28/02/2023 | 283 | n/a | n/a | 3051 |
| 53 | Galea Cleaning Solutions | €11,215.79 | €11,215.79 | T | PF | Sweeping services for Feb 2023 | 28/02/2023 | 282 | n/a | n/a | 3051 |
| 54 | Galea Curmi Eng | €2,666.80 | €2,666.80 | T | PF | Consultancy - supervision and certification of works May 2021 - Feb 2023 | 08/03/2023 | 14208 | n/a | n/a | 7601 |
| 55 | GasanMamo | €393.42 | €393.42 | NA | PF | Insurance and licence for NLC004 | 24/02/2023 | | n/a | n/a | 3030 |
| 56 | Global tech | €1,778.82 | €1,778.82 | K | PF | CCTV outdoor gym Triq Ghakkies | 20/02/2023 | 2788 | 199/22 | 199/22 | 7602 |
| 57 | Global tech | €3,470.52 | €3,470.52 | K | PF | CCTV outdoor gym Triq Ghakkies | 21/02/2023 | 2786 | 199/22 | 199/22 | 7602 |
| 58 | Global tech | €1,376.21 | €1,376.21 | K | | Fire and Alarm outdoor gym Triq Ghakkies | 21/02/2023 | 2787 | 200/22 | 200/22 | 7602 |
| 59 | GO plc | €16.50 | €16.50 | NA | PF | Rental for 21417224 for Feb 2023 | 02/02/2023 | 10177648 | n/a | n/a | 2160 |
| 60 | GO plc | €22.98 | €22.98 | NA | PF | Rental for 21416341 for Feb 2023 | 02/02/2023 | 10176930 | n/a | n/a | 2160 |
| 61 | GO plc | €16.50 | €16.50 | NA | PF | Rental for 21416363 for Feb 2023 | 02/02/2023 | 10176950 | n/a | n/a | 2160 |
| 62 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund of works in Triq ix-Xehda | 02/03/2023 | 27700 | n/a | n/a | 4006 |
| 63 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund of works in Triq l-Imdina | 02/03/2023 | 1569 | n/a | n/a | 4006 |
| 64 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund of works in Triq Jean de la Valette | 15/03/2023 | 30955 | n/a | n/a | 4006 |
| 65 | Ikonika Collection | €2,934.00 | €2,934.00 | NA | PF | Deposit for hotel accomodation re Twinning from 21/23 April 2023 | 02/03/2023 | | n/a | n/a | 3800 |
| 66 | Image Systems | €120.05 | €120.05 | NA | PF | Usage of prints and rent billing for Feb 2023 | 28/02/2023 | 511469 | n/a | n/a | 2610 |
| 67 | Impressions Ltd | €14.16 | €14.16 | K | PF | Certificate re change in name | 07/02/2023 | 91732 | 225/22 | 225/22 | 3360 |
| 68 | Lift Services | €50.00 | €50.00 | NA | PF | Lift checked since it was not working properly | 08/02/2023 | 418410 | n/a | n/a | 2360 |
| 69 | Longbow | €229.63 | €199.80 | K | PF | Hand towels for LC office | 13/02/2023 | 347387 | 31/23 | 31/23 | 2670 |
| 70 | Longbow | €241.13 | €123.32 | K | PF | Hand towels for LC office | 15/02/2023 | 347663 | 31/23 | 31/23 | 2670 |
| 71 | Mario Mallia | €27.44 | €27.44 | K | PF | Road sign Triq FW Ryan | 19/02/2023 | 2603 | 15/23 | 15/23 | 2313 |
| 72 | Mario Mallia | €91.20 | €91.20 | K | PF | Road signs | 19/02/2023 | 2602 | 29/23 | 29/23 | 2313 |
| 73 | Mario Mallia | €54.88 | €54.88 | K | PF | Road signs | 07/03/2023 | 2604 | 24/23 | 24/23 | 2313 |
| 74 | Mark Taliana Gardening | €7,825.76 | €7,825.76 | T | PF | Gardening Services for Feb 2023 | 28/02/2023 | 1233 | n/a | n/a | 3061 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Iffirmat
Anne Marie Muscat Fenech Adami
Sindku

Iffirmat
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

Iffirmat
Proponent

Iffirmat
Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mil-15 ta' Frar 2023 sal-15 ta' Marzu 2023**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 75 | Melita plc | €49.82 | €49.82 | NA | PF | Business Flexi Duo-27456088-Mar 2023 | 01/03/2023 | 114710644 | n/a | n/a | 2160 |
| 76 | Melita plc | €32.00 | €32.00 | NA | PF | Internet for Mithna tal-Ghaqba Feb 2023 | 01/03/2023 | 114781332 | n/a | n/a | 2160 |
| 77 | Micamed | €523.33 | €523.33 | T | PF | Maintenance on street lamp | 13/02/2023 | 10771 | n/a | n/a | 3065 |
| 78 | Micamed | €47.20 | €47.20 | T | PF | Maintenance on street lamp | 13/02/2023 | 10760 | n/a | n/a | 3065 |
| 79 | Micamed | €757.56 | €757.56 | T | PF | Maintenance on street lamp | 13/02/2023 | 10777 | n/a | n/a | 3065 |
| 80 | Ministry for EU | €10,608.75 | €10,608.75 | NA | PF | 20% contribution fee re inv 07 cert 06 | 20/02/2023 | inv 07 | n/a | n/a | 7601 |
| 81 | Ministry for EU | €11,337.54 | €11,337.54 | NA | PF | 5% and non eligible re inv 07 cert 06 | 20/02/2023 | inv 07 | n/a | n/a | 7601 |
| 82 | Victor Mula | €2,506.08 | €2,506.08 | T | PF | Handyman services for Dec 2022 | 31/12/2022 | | n/a | n/a | 3125 |
| 83 | Victor Mula | €2,235.16 | €2,235.16 | T | PF | Handyman services for Jan 2023 | 31/01/2023 | | n/a | n/a | 3125 |
| 84 | Victor Mula | €1,930.36 | €1,930.36 | T | PF | Handyman services for Feb 2023 | 28/02/2022 | | n/a | n/a | 3125 |
| 85 | Naxxar Lions | €200.00 | €200.00 | K | PF | Advert for calendar 2023 | 05/01/2023 | tkt53243 | n/a | n/a | 2940 |
| 86 | Paramount coaches | €230.10 | €230.10 | K | PF | Transport services for elderly for Jan 2023 | 31/01/2023 | 10011015 | 019/23 | 019/23 | 2720 |
| 87 | Romina Perici Ferrante | €490.88 | €490.88 | K | PF | Accounting services for Feb 2023 | 28/02/2023 | 23/015 | 009/23 | 009/23 | 3160 |
| 88 | Piscopo Gardens | €76.70 | €76.70 | T | PF | Maintenance of plants for Feb 2023 | 15/02/2023 | 5324 | n/a | n/a | 3060 |
| 89 | Piscopo Gardens | €138.66 | €138.66 | K | PF | New plants for LC outside area | 02/03/2023 | 5629 | 49/23 | 49/23 | 3060 |
| 90 | Piscopo Gardens | €76.70 | €76.70 | T | PF | Maintenance of plants for Mar 2023 | 01/03/2023 | 5578 | n/a | n/a | 3060 |
| 91 | Refund | €35.00 | €35.00 | NA | PF | Fitness class cannot be done | 15/03/2023 | tkt51963 | n/a | n/a | 21 |
| 92 | Simply Clean Ltd | €788.01 | €788.01 | T | PF | Cleaning services for LC offices Jan & Feb 2023 | 01/03/2023 | 21 | n/a | n/a | 3055 |
| 93 | Spiral | €31.86 | €31.86 | K | PF | Print with gloss lamination | 16/02/2023 | 4994 | 33/23 | 33/23 | 2610 |
| 94 | Spiral | €141.60 | €141.60 | K | PF | Print with gloss lamination-outdoor gym | 03/03/2023 | 5003 | 33/23 | 33/23 | 2610 |
| 95 | Mark Taliana Gardening | €7,825.76 | €7,825.76 | T | PF | Gardening services for January 2023 | 31/01/2023 | 1218 | n/a | n/a | 3061 |
| 96 | The Sound Connection | €236.00 | €236.00 | K | PF | Sound system for inauguration of outdoor gym on 5.3.23 | 05/03/2023 | IN01488 | 44/23 | 44/23 | 7602 |
| 97 | Wasterserv | €28.32 | €28.32 | NA | PF | Rimi ta' skart | 24/02/2023 | 109893 | n/a | n/a | 3051 |
| 98 | WM | €778.80 | €778.80 | T | PF | Cleaning of offices for Jan 2023 | 13/02/2023 | PC 61 | n/a | n/a | 3055 |
| 99 | WM | €1,275.13 | €1,275.13 | T | PF | Cleaning of public convenience for Jan 2023 | 13/02/2023 | PC62 | n/a | n/a | 3053 |
| | | | | | | | | | | | |
| | | **€103,830.66** | **€103,683.08** | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Iffirmat

Anne Marie Muscat Fenech Adami
Sindku

Iffirmat

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

Iffirmat

Proponent

Iffirmat

Sekondant

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Seduta tal-Laqgħa nr 8/51

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mil-15 ta' Frar 2023 sal-15 ta' Marzu 2023

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Iffirmat

Anne Marie Muscat Fenech Adami
Sindku

Iffirmat

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

Iffirmat

Proponent

Iffirmat

Sekondant

**Kunsill Lokali In-Naxxar**

**Purchase Order list for the month of8 February 2023** **01/03/2023**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 01/02/2023 | 026-23 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair - Telgħa tal-Għaqba | € 112.34 |
| 01/02/2023 | 027-23 | Vella Falzon Home | Paint - Outdoor Gym | € 64.75 |
| 07/02/2023 | 028-23 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | € 96.29 |
| 07/02/2023 | 029-23 | Mario Mallia | 3 Street signs incl. Bolts | € 54.88 |
| 02/07/2023 | 030-23 | Bitmac Works Ltd | Works on Outdoor Gym - Għakkies | € 106.50 |
| 07/02/2023 | 31-23 | Longbow Ltd | hand towels and tissues | € 238.56 |
| 02/08/2023 | 032-23 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | 96,29 |
| 02/08/2023 | 033-23 | Spiral Design Ltd | printing of stickers for LC Care items | € 31.86 |
| 13/2/2023 | 034/23 | Bitmac Works Ltd | Instant Road repair | € 96.26 |
| 13/2/2023 | 035/23 | Bitmac Works Ltd | Instant Road repair | € 96.26 |
| 16/2/2023 | 036/23 | Bitmac Works Ltd | Instant Road repair | € 96.26 |
| 17/2/2023 | 037/23 | Bitmac Works Ltd | Instant Road repair | € 96.26 |
| 17/2/2023 | 038/23 | Paramount Garage | Day Centre March Outing | € 165.20 |
| 17/2/2023 | 039/23 | Bitmac Works Ltd | Instant Road repair | € 96.29 |
| 17/2/2023 | 040/23 | Bitmac Works Ltd | Instant Road repair | € 96.29 |
| 17/2/2023 | 041/23 | Bitmac Works Ltd | Instant Road repair | € 96.29 |
| 21/02/2023 | 042/23 | Bitmac Works Ltd | Instant Road repair | € 96.29 |
| 21/02/2023 | 043/23 | Spiral Design Ltd | Inauguration Plaque | € 106.20 |
| 21/02/2023 | 044/23 | The Sound Connection | Sound for open gym ceremony on 5.3.2023 | € 245.00 |
| 22/2/2023 | 045/23 | Bitmac Works Ltd | Instant Road repair | € 96.29 |
| 22/02/2023 | 046/23 | Bitmac Works Ltd | Insant Road repair | € 96.29 |
| 23/02/2023 | 047/23 | | 1 x pair pedal outdoor gym equipment | € 59.00 |
| 23/2/2023 | 048/23 | B. Grima & Sons Ltd. | Sign for outdoor gym | € 101.58 |
| 24/02/2023 | 049/23 | Piscopo Gardens | Plants for the entrance of LC office | € 138.65 |
| 27/02/2023 | 050/23 | Calleja Ltd | RCCB, Rectangular Box and Wiring for Gnien l-Għakkies | € 164.30 |
| 28/02/2023 | 051/23 | Archway Ironmongery | Ironmongery supplies | € 84.15 |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |

**Total** **€2,732.04**

**List prepared by Charmaine Calleja.**

# Naxxar Local Council

Petty Cash - February 2022

| For 00/01/1900 through 00/01/1900 | | | Balance | €200.00 | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| Date | Supplier | Description | Amount Deposited | Amount Withdrawn | Reference |
| | | Balance Brought Forward | €200.00 | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | **Totals** | €200.00 | €0.00 | |

**Laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi**

**Data:** 16 ta’ Marzu 2023

**Ħin:** 1.00pm-2.00pm

**Preżenti:** Is-Sindku, l-Kunsillier Marlon Brincat (online), il-Kunsillier Joseph Spiteri (issostitwixxa lill-Viċi Sindku) u s-Segretarju Eżekuttiv.

**Post:** Kunsill Lokali in-Naxxar

---

1. **Talba għal ħlas ta’ danni 011/22 - €92;**

   1.1 Il-Kumitat qies l-evidenza l-ġdida bħal suffiċjenti b’mod li tikkonferma li l-ħsara saret kif irrapurtat u għalhekk il-Kumitat jirrakomanda li jsir il-ħlas. Sadanittant is-Sindku talbet li jitqabbad il-Kuntrattur biex jirranġa l-ħsara li hemm sew.

2. **Talba għal ħlas ta’ danni 013/22 - €520;**

   2.1 Il-Kumitat qies l-evidenza l-ġdida bħal suffiċjenti b’mod li tikkonferma li l-ħsara saret kif irrapurtat u għalhekk il-Kumitat jirrakomanda li jsir il-ħlas.

3. **Talba għal ħlas ta’ danni 001/23 - €55;**

   3.1 Il-Kumitat qies il-ġustifikazzjoni ppreżentata mill-kjamant bħal suffiċjenti b’mod li toffri serħan il-moħħ li l-ħsara saret kif irrapurtat u għalhekk il-Kumitat jirrakomanda li jsir il-ħlas.

4. **Proposta minn TCTC - Proġett Innovazzjoni Diġitali għat-tfal - Sajf 2023;**

   4.1 Is-SE eżamina l-proposta li kienet tinvolvi spiża ta’ Eur1500 għall-Kunsill. Il-Kumitat dehrlu li l-offerta hija waħda ġustifikata u ta’ benefiċċju għall-komunità. Għalhekk jaċċettaha u jirrakkomandaha.

5. **Talba għal cat shelters (għal 5 qtates) fejn in-Naxxar Middle School;**

5.1 Il-Kumitat qabel li għandu jilqa' t-talba u dak il-ħin is-Sindku kkonfermat li l-ispiża involuta mingħand ħanut min-Naxxar stess mhux se taqbeż il-Eur100 u għalhekk kien irrakkomandat li jinxtraw mill-ewwel.

6. **Talba għall-kollaborazzjoni maż-Żgħażagħ tal-Peace Band Club;**

6.1 Is-SE informa li ż-Żgħażagħ tal-Peace Band Club jixtiequ jorganizzaw attività li tikkonsisti f'wirja tal-vetturi fil-Pjazza u qed jitolbu lill-Kunsill biex joffri l-għajnuna fil-kordinazzjoni tal-għeluq tal-Pjazza.

6.2 Fid-dawl li l-Kunsill jixtieq u jħeġġeġ lill-għaqdiet u entitajiet biex jorganizzaw attivitajiet fil-pjazza, sabiex il-pjazza ssir verament post għan-nies, il-Kumitat jirrakkomanda li l-Kunsill jinvolvi f'din l-attività billi jidħol għall-organizzazzjoni u l-loġistika marbuta mal-għeluq tal-Pjazza, inkluż spejjeż għall-gwardjani.

7. **Talba għall-kollaborazzjoni għal attività man-Naxxar Lions - 22 ta' April;**

7.1 Is-SE informa li Naxxar Lions ressqu talba simili għal dik taż-Żgħażagħ tal-Peace Band Club għat-22 ta' April. Għall-istess raġunijiet imsemmija qabel il-Kunsill qabel li jagħmel l-istess kordinazzjoni u spejjeż.

7.2 Sadanittant dawn l-ispejjeż xorta kienu se jkunu meħtieġa minħabba attività tal-Kunsill marbuta maż-żjara ta' grupp kbir ta' Sqallin fin-Naxxar.

8. **Kollaborazzjoni mill-Għaqda Kulturali Wirt Naxxari u l-Parroċċa;**

8.1 Is-SE informa li l-Għaqda Kulturali Wirt Naxxari u l-Parroċċa kienu lesti li jgħinnu lill-Kunsill fiż-żjara tal-mitt persuna minn Canicattì fi Sqallija bejn il-21 u t-23 ta' April 2023. Dan jinkludi li jilqgħu id-delegazzjoni fl-Annex tal-Knisja, joffru għajnuna biex noffru bibita, joffru li jagħmlu preżentazzjoni dwar in-Naxxar u dak li għandu x'joffri, idawwru lid-delegazzjoni fil-Mużew tal-Parroċċa (li għadu kemm fetaħ) bla ħlas u jgħinnu fi żjarat oħrajn madwar il-lokalità.

8.2 Kien xieraq ukoll li dawn (l-isqallin) ikunu ppreżentati b'informazzjoni dwar il-mużew u għalhekk il-Kumitat qabel li l-Kunsill għandu jippubblika fuljett dwar il-mużew.

**9. Tibdil fis-sistema tal-locks tal-Kunsill għal sistema ta' aċċess ikkontrollat;**

9.1 Is-SE informa li kien qiegħed jiffaċċja problema ta' kontroll fil-bini tal-Kunsill u problemi u spejjeż kull darba li xi ħadd jitlef xi ċavetta. Għal dan il-għand indaga dwar sistemi li jeżistu u kellu numru ta' proposti u kwotazzjonijiet għal sistemi li jaħdmu bil-card li jkunu kkontrollati permezz ta' software. B'hekk anki għal dawk li jkollhom bżonn jew jingħataw awtorizzazzjoni jużaw il-binja għal darba, jkunu jistgħu jagħmlu dan u l-aċċess ikun ikkontrollat għal dik l-awtorizzazzjoni biss.

9.2 Is-SE ippreżenta ħames kwotazzjonijiet/proposti mingħand erbgħa ditti u l-Kunsill qabel li l-aktar vantaġġjuża hija dik ta' Strand Electronics li għalkemm il-prezz finali jkun determinat skont il-ħtiġiet tal-installazzjoni, l-ispiża m'għandiex taqbeż il-Eur5000 bil-VAT b'kollox. Dwar dawn il-kwotazzjonijiet sar eżerċizzju biex ikun aċċertat li l-prezzijiet ikunu *like-for-like* peress li mhux kulħadd għandu l-istess sistema. B'hekk kien stabbilit li Strand Electronics offrew l-orħos offerta.

9.3 Kien mitlub li din is-sistema tkun ikkontrollata permezz ta' software.

**10. Skema ta' TM approvata - preparazzjoni għall-implimentazzjoni (ticket #55989;**

10.1 Is-SE informa li l-applikazzjoni li kien issottometta l-Kunsill taħt din l-iskema ma' TM għall-valur ta' Eur20K ġiet aċċettata.

10.2 Filwaqt li s-SE wera lill-Kumitat dak li kien hemm propost fl-applikazzjoni, li kienu kollha meħuda mid-dokument Slow Streets, informa li issa jibdew jintalbu l-istimi għax-xogħol meħtieġ li l-maġġorparti tiegħu jinvolvi żebgħa, sinjali, bicycle racks u bicyles repair station.

10.3 Dwar dan ikun meħtieġ l-approvazzjoni ta' TM u xorta waħda fejn se jinstab li jista' jkun hemm problemi mar-residenti, kollox jista' jkun rivedut.

**11. Bżonn ta' liċenzja addizzjonali għall-użu tal-Photoshop;**

11.1 Is-SE informa li għalkemm il-liċenzja ta Adobe tkopri l-maġġoranza tal-applikazzjonijiet, inkluż il-photoshop, qed ikollna spiss problema għaliex mhux kulħadd jista' jaċċessa s-sistemi f'salt. Infatti jippermettu biss tnejn fl-istess ħin u normalment ikunu meħtieġa tlieta. Biex tinġieb liċenzja addizzjonali tiswa Eur141 fis-sena.

11.2 Il-Kumitat qabel u qabel ukoll li, peress li l-ħlas jista' jsir biss online, allura s-SE jista' jħallas bil-card tiegħu u jkun rimborsat immedjatament.

Il-Laqgħa ntemmnet fis 14.15.

---

**Paul Gatt**

Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali In-Naxxar

# Il-Pjan ta' Ħidma
# 2023 – 2028

# WERREJ

IL-VIŻJONI TAL-KUNSILL ........................................................................3

INFRASTRUTTURA ..............................................................................3

TRAFFIKU ..............................................................................................4

TRASPORT PUBBLIKU ..........................................................................4

SIGURTÀ ................................................................................................5

AMBJENT ...............................................................................................5

EDUKAZZJONI ......................................................................................5

ARTI U KULTURA ..................................................................................6

KOMUNIKAZZJONI U KONSULTAZZJONI ..............................................6

SERVIZZI MILL-UFFIĊĊJU TAL-KUNSILL...............................................6

KOMUNITÀ KUMMERĊJALI ...................................................................6

FONDI EWROPEJ ...................................................................................7

TURIŻMU .......................................................................................7

QASAM SOĊJALI ...............................................................................7

SPORTS .........................................................................................7

INIZJATTIVI FAVUR L-ANNIMALI.........................................................8

TISBIEĦ U PROĠETTI ........................................................................8

ATTIVITAJIET.................................................................................9

| Verżjoni preċedenti | Aġġornata |
|---|---|
| **Il-viżjoni**<br>• Ikun viċin ir-residenti u jkun il-leħen tagħhom fi kwistjonijiet ma' entitajiet ċentrali<br>• Ikattar u jippriserva l-identità, il-karattru, it-tradizzjonijiet u l-wirt tan-Naxxar<br>• Jipprovdi ambjent u kwalità ta' ħajja aħjar<br>• Jipprovdi l-aqwa servizzi lir-residenti tiegħu | **Il-viżjoni**<br>• Nagħmlu min-Naxxar belt fuq il-livelli ta' kwalità ta' bliet internazzjonali filwaqt li nsaħħu l-karattru uniku u tradizzjonali tagħha. Nipprovdu sigurtà fit-toroq u spazji fejn ir-residenti jirrikreaw ruħhom. Naċċertaw li dak li jsir ikun b'mod sostenibbli u bl-inqas ħsara ambjentali possibli. Iżid il-parteċipazzjoni tar-residenti fil-ħidma tal-Kunsill. |

| | |
|---|---|
| | **IL-MISSJONI**<br>• Ikun viċin ir-residenti b'mezzi ta' kuntatti moderni<br>• Jipprovdi servizzi tal-aqwa kwalità lir-residenti tiegħu<br>• Jattrezza b'sistemi kompjuterizzati, inkluż dawk online biex jutilizza r-riżorsi bl-aħjar mod possibli<br>• Jieħu l-miżuri tat-traffiku neċessarji biex inaqqas l-inċidenti, jżid is-sigurtà, jnaqqas it-tniġġiż fl-arja u jżid u jtejjeb l-aċċessibiltà għall-pedonali<br>• Ikattar u jippriserva l-identità, il-karattru, it-tradizzjonijiet u l-wirt tan-Naxxar<br>• Jistabbilixxi żoni ta' rikreazzjoni u jipprepara l-pjanijiet biex ikunu implimentati mal-ewwel opportunità ta' finanzjament<br>• Jieħu miżuri biex isaħħaħ l-ekonomija lokali |

## INFRASTRUTTURA

| ***Skont il-Pjan preċedenti*** | ***Kummenti*** | ***Verżjoni emendata (fejn hu vojt għax irrakkomandat li titneħħa)*** |
|---|---|---|
| 1. Il-Kunsill joħloq sistema fejn ir-residenti jkollhom l-opportunità li jgħaddu suġġerimenti lill-Kunsill kif nistgħu insebbħu n-Naxxar. Dawn is-suġġerimenti jsiru permezz ta' sistema fuq is-*Social Media* u r-residenti jkunu jistgħu jivvutaw dwarhom. Il-Kunsill joħloq sistema ta' premjazzjoni li tista' tieħu diversi forom. | Wieħed irid jaġġorna maċ-ċirkostanzi taż-żmien u t-tibdil fil-kultura fejn jidħlu l-mezzi soċjali. Sfortunatament, sistema tajba ħafna drabi tintuża ħażin u minflok għajnuna tista' twassal għal tfixkil. Għalhekk propost li m'għadiex aktar valida. | |
| 2. Ikun ingaġġat / ikkuntrattat *works manager* biex jiżgura li l-kuntratti qed jiġu mħaddma tajjeb u biex jaċċerta li tinżamm manutenzjoni tajba tat-toroq, bankini, ġonna, playing fields u postijiet oħra pubbliċi. | Il-Kunsill kellu contracts manager iżda nafu li minkejja l-ispejjeż, ma kien hemm l-ebda benefiċċju. Naturalment dan is-servizz jirrikjedi spejjeż addizzjonali. Il-Kunsilli lanqas mhuma jingħataw biżżejjed fondi għas-servizzi bażiċi aħseb u ara biex il-Kunsill jagħti kuntratt ieħor. | Ikun ingaġġat / ikkuntrattat *contracts manager* biex jiżgura li l-kuntratti qed jiġu mħaddma tajjeb u biex jaċċerta li tinżamm manutenzjoni tajba tat-toroq, bankini, ġonna, playing fields u postijiet oħra pubbliċi. Iżda dan isir biss jekk:<br>a) Il-Gvern Ċentrali jagħti allokazzjoni diċenti biex il-Kunsill ikun jista' jagħti kuntratti tas-servizzi kif inhu mistenni mill-pubbliku.<br>b) Iżid ukoll il-fondi biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż meħtieġa biex ikun ingaġġat contracts manager. |

| | | |
|---|---|---|
| 3. Tkompli l-ħidma ta' tibdil ta' bankini. | Saru numru ta' bankini. | Il-Kunsill iżomm lista aġġornata ta' prijoritajiet fejn jeħtieġ li jibdel bankini. Dan ix-xogħol ikun ordnat skont il-baġit li jivvota l-Kunsill minn sena għall-oħra. |
| 4. Tkompli l-ħidma ta' tiswija ta' toroq filwaqt li ssir insistenza ma' Infrastructure Malta biex ikompli l-programm ta' rikostruzzjoni tat-toroq fin-Naxxar. | Il-lista ġiet stabbilita u mibgħuta lil IM. | Tkompli l-ħidma ta' tiswija ta' toroq li ħafna drabi ssir b'urġenza mill-handymen tal-Kunsill. Ikun esplorat il-possibiltà li l-Kunsill jinvesti f'makkinarju bażiku biex ibattam it-traqqiegħ li jsir mill-istess ħaddiema. |
| 5. Il-Kunsill fl-aħħar snin ħareġ b'ideat ta' proġetti għal kull żona. Il-Kunsill għandu jiżgura li jinvolvi lill-poplu tan-Naxxar biex joħroġ b'ideat għal dawn l-ispazji f'kull żona. Suġġerimenti għal spazji miftuħa jistgħu isiru fi: | Awtomatikament qed ikunu kkonsultati u infurmati permezz tal-laqgħa tal-Kunsill li jkunu mxandra live. Infatti nafu li kull darba li l-Kunsill jiddiskuti suġġeriment, il-pubbliku malajr jibda jikkummenta. | Il-Kunsill għandu kemm jista' jkun jaċċerta li jagħmel proġetti infrastrutturali f'kull żona. Dan sakemm ikun hemm l-ispazju meħtieġ u fejn dan ma jkun disponibbli għandu jara li jagħmel proġetti li jsebbaħ it-toroq. |
| a. Birguma, inkluż Belvedere. | | Jibni spazju ta' eżerċizzju fiżiku fi Triq John Adye. |
| b. Baħar iċ-Ċagħaq (Xatt il-Palm). | | Kemm il-darba jinkiseb il-finanzjament meħtieġ, iwettaq il-proġett għal Xatt il-Palm skont kif applika taħt l-iskema ta' Project Green fi Frar 2023. |
| c. Magħtab (bi sħab ma Wasteserv tista' tintuża parti mill-miżbla magħluqa). | | Il-Kunsill jinsisti ma' Wasteserv biex tpatti għall-inkonvenjent li regolarment isofru r-residenti kaġun |

| | | |
|---|---|---|
| | | tal-attività fuq il-miżbla u jiffinanzja proġetti ta' tisbieħ fil-Magħtab. |
| d. Triq il-Lanġas quddiem iċ-Ċentru Pastorali li tista' tkun aktar pedestrian friendly. | | Triq il-Lanġas quddiem iċ-Ċentru Pastorali li tista' tkun aktar pedestrian friendly permezz ta' miżuri minn Slow Streets. |
| e. Triq San Pawl fejn il-kappella li tista' tkun aktar pedestrian friendly. | | Triq San Pawl fejn il-kappella u l-madwar li hija t-tieni żona UCA u li tista' tkun aktar pedestrian friendly. |
| f. Triq V Boron ma' Triq San Publius. | | Iż-żona li għadha mitluqa bejn triq V Boron u Triq Santa Fawstina tiġi rranġata biex tkun aktar pulita. |
| 6. Il-Kunsill jaħdem fuq pjan lokali billi jikkuntratta esperti biex iwettqu studju man-Naxxar dwar parkeġġ u traffiku. Nistudjaw il-possibilitajiet kif jista' jsir PPP biex isir parkeġġ taħt l-art possibilment taħt Ġnien Toni Vella. | Sfortuntament ma nsibu l-ebda forma ta' koperazzjoni mill-awtorita tal-artijiet li b'xi mod tista' tasal għal forma ta' ftehim. Il-Kunsill għalhekk irid kif isib mezzi alternattivi b'mod li jinkoraġixxi l-privat fuq artijiet tiegħu. | Permezz tal-Uffiċjal Ambjentali tar-Reġjun, isir studju ħolistiku dwar soluzzjonijiet għat-tnaqqis tat-traffiku u soluzzjoni għall-problema tal-parking. |
| 7. Il-Kunsill jikkonsidra l-installazzjoni ta' sinjali elettroniċi li normalment jinfurmaw lis-sewwieqa b'kemm veloċità jkunu qed isuqu biex inaqqsu. Dawn ikunu installati f'toroq li għalkemm huma toroq lokali, huma meqjusa bħala 'arterji lokali' bħalma huma Triq San | Fil-frattemp il-Kunsill ikkummissjona r-rapport Slow Streets li ma jsemmix tali tabelli iżda jipproponi miżuri biex titnaqqas il-veloċità. | Il-Kunsill jimplimenta l-miżuri imsemmija fi Slow Streets bil-għan li jnaqqas it-traffiku u l-veloċità tas-sewqan. |

| | | |
|---|---|---|
| Pawl, Triq V Boron, Triq it-Tuffieħ u Triq Anton Manwel Caruana. | | |
| 8. Ikun iffurmat sottokumitat speċifikament biex jindirizza problemi ta' aċċessibilità fil-lokalità kif ukoll problemi li jiffaċċjaw persuni b'diżabilità. Dan is-sottokumitat jagħmel walkabouts madwar il-lokalità biex jara fejn hemm bżonn titjib fit-toroq. | | Ikun iffurmat sottokumitat speċifikament biex jindirizza problemi ta' aċċessibilità fil-lokalità kif ukoll problemi li jiffaċċjaw persuni b'diżabilità. Dan is-sottokumitat jagħmel walkabouts madwar il-lokalità biex jara fejn hemm bżonn titjib fit-toroq. |
| 9. Il-Kunsill jiddiskuti ma' Infrastructure Malta biex tinstab soluzzjoni dwar problemi ta' għargħar f'ċerti żoni bħal Labour Ave, Pjazza Ċelsi u Triq Leli Falzon. | Fir-rigward ta' Triq tal-Labour estendew il-catchment il-fuq iżda kien jimmerita li jestendu aktar.<br><br>Fil-każ ta' Triq Leli Falzon l-istorm water unit qed jgħidu li m'hemmx l-ebda xogħol li huwa meħtieġ. Minħabba li niddependu għal kollox minn IM din titneħħa. | |
| 10. | | Il-Kunsill jirranġa l-latrina pubblika anki permezz ta' arranġamenti bi sħab mal-privat jew entitajiet lokali. |

## TRAFFIKU

| | | |
|---|---|---|
| 1. L-ammont ta' traffiku li għandna fiċ-Ċentru tan-Naxxar huwa pre-okkupanti u qiegħed jaffettwa l-ħajja tar-residenti b'mod negattiv. Il-Kunsill jemmen li t-traffiku li m'għandux għalfejn jidħol fin-Naxxar għandu jkun skoraġġit. | Il-Kunsill wettaq studju bir-riżultati jitkellmu waħedhom u li jikkonferma l-preokkupazzjoni li ilha s-snin. | Il-kunsill jagħti prijorità assoluta fuq il-problema tat-traffiku fin-Naxxar. Dan it-traffiku kollu, li l-maġġoranza tiegħu huwa through-traffic, qed ibaxxi l-livell tal-ħajja tar-residenti, qed jikkawża ħsara lill-bniedem kaġun tat-tniġġiż u qed ikun ta' dannu għall-kummerċ lokali. |
| 2. Parti mill-pjan lokali għandu jiffoka kif it-traffiku jista' jkun ikkontrollat aħjar u mnaqqas. | | Il-Kunsill jimplimenta l-miżuri imsemmija fi Slow Streets bil-għan li jnaqqas it-traffiku u l-veloċità tas-sewqan. |
| 3. Il-Kunsill jaċċerta li l-infrastruttura tat-toroq, bħal sinjali u marki tat-toroq tinżamm fl-aqwa stat possibli. | | Il-Kunsill jaċċerta li l-infrastruttura tat-toroq, bħal sinjali u marki tat-toroq tinżamm fl-aqwa stat possibli. |

## TRASPORT PUBBLIKU

| | | |
|---|---|---|
| 1. Il-Kunsill ikompli joffri u jestendi s-servizz ta' trasport P2P li awtomatikament qed jolqot kemm l-aspett ambjentali u anki ta' saħħa. Isir studju biex jiġi evalwat l-użu u jekk tinstab il-ħtieġa jkun hemm żieda fil-ħinijiet. Tkompli ssir aktar promozzjoni u jekk jinstab | Il-vann għandu jkun mibjugħ u minflok il-Kunsill jixtri vettura iżgħar li tista' tinstaq mingħajr liċenzja speċjali. Wieħed irid iżomm f'moħħu wkoll li t-trasport pubbliku issa sar bla ħlas u | Filwaqt li huwa konxju li l-pubbliku llum il-ġurnata għandu s-servizz tat-trasport pubbliku bla ħlas filwaqt li hemm servizzi ta' trasport għall-anzjani mill-Gvern Ċentrali, l-Kunsill joffri servizz aktar personalizzat ta' P2P permezz ta' vettura li tinstaq mingħajr il-ħtieġa ta' liċenzja speċjali u li l-użu |

| | | |
|---|---|---|
| li hemm potenzjal il-Kunsill jinvesti f'mobile app biex ikun faċilitat l-istess servizz. | | tagħha tkun kemm fuq is-servizz P2P u anki għax-xogħol tal-Kunsill. |
| 2. Ikun ikkunsidrat il-possibiltà li l-Kunsill jinvesti f'vettura oħra elettrika li tkun iżgħar mill-vann preżenti. Dan sabiex ikun aktar faċli li jinstabu sewwieqa minħabba li l-vann preżenti jeħtieġ liċenzja speċjali. | Għar-raġuni msemmija qabel din titneħħa. | |
| 3. Jibda programm ta' installazzjoni ta' bus shelters fejn hemm bżonn, inkluż it-tisbieħ ta' dawn l-inħawi. | Ma fadalx postijiet fejn jistgħu isiru. | |
| 4. Il-Kunsill jaħdem biex ikun hemm aktar trasport sostenibbli billi jħeġġeġ l-użu tar-roti u vetturi elettriċi. Biex jilħaq dan il-għan il-Kunsill: | | Il-Kunsill jaħdem u jagħmel aktar aċċessibli t-trasport sostenibbli billi jħeġġeġ l-użu tar-roti, scooters, vetturi elettriċi u vetturi żgħar bħal muturi. Biex jilħaq dan il-għan il-Kunsill: |
| a. Joħloq rotot għaċ-ċikliżmu b'senjalar apposta. | | Joħloq rotot għaċ-ċikliżmu b'senjalar apposta jew aktar żoni li huma *shared*. |
| b. Iżid il-bike sharing stands. | | Iżid il-bike stands f'postijiet strateġiċi. |
| c. Iżid charging points fiċ-ċentru għall-vetturi elettriċi. | | Iħeġġeġ il-Gvern Ċentrali biex iżid charging stations għall-vetturi elettriċi |
| d. | | Joħloq parkeġġi speċifikament għall-iscooters flimkien ma' regolamenti dwarhom. |
| e. | | Iżid il-parkeġġi għall-muturi. |

| | | |
|---|---|---|
| f. | | Jeduka lill-poplu li l-ispazju meħud għall-parkeġġ huwa spazju prezzjuż u għalhekk għandu jaġevola lil min juża l-inqas spazju. |

## SIGURTA

| | | |
|---|---|---|
| 1. Sabiex kull resident ikollu moħħu mistrieħ mis-sigurtà il-Kunsill iżomm kuntatt mal-Pulizija u LESA permezz ta' laqgħat regolari. Il-Kunsill jistieden lil dawn l-entitajiet biex joffru taħdidiet u informazzjoni kif wieħed jista' jkollu aktar sigurtà f'daru. | | Sabiex kull resident ikollu moħħu mistrieħ mis-sigurtà il-Kunsill iżomm kuntatt mal-Pulizija u LESA permezz ta' laqgħat regolari. Il-Kunsill jistieden lil dawn l-entitajiet biex joffru taħdidiet u informazzjoni kif wieħed jista' jkollu aktar sigurtà f'daru. |
| 2. Issir pressjoni biex ikun hemm preżenza akbar ta' pulizija fil-ħinijiet ta' bil-lejl. | | Issir pressjoni biex ikun hemm preżenza akbar ta' pulizija fil-ħinijiet ta' bil-lejl. |
| 3. Nesploraw il-possibiltà ta' CCTV cameras biex jonqos l-abbuż u l-vandaliżmu. | Qed ikunu installati CCTV's f'kull proġett tal-Kunsill.<br>Se titneħħa. | |
| 4. Il-Kunsill jikkonsultà wkoll mar-residenti dwar il-possibiltà ta' introduzzjoni ta' Neighbourhood watch madwar il-lokalità. | M'għadiex aktar valida | |

## AMBJENT

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-Kunsill ikompli jżid is-siġar u l-pjanti madwar il-lokalità u jsebbaħ bil-pjanti tal-fjuri tal-istaġun. | | Il-Kunsill ikompli jżid is-siġar u l-pjanti madwar il-lokalità u jsebbaħ bil-pjanti tal-fjuri tal-istaġun. |
| 2. | Joħloq kampanji favur l-ambjent u l-indafa u possibiltà ta' skemi biex ir-residenti jsebbħu l-faċċati bil-fjuri u xitel. | | Joħloq kampanji favur l-ambjent u l-indafa u possibiltà ta' skemi biex ir-residenti jsebbħu l-faċċati bil-fjuri u xitel. Dan jista' jsir permezz ta' skema jew arranġamenti ma' negozju tal-pjanti. |
| 3. | Il-Kunsill iħeġġeġ lir-residenti biex jisseparaw l-iskart aħjar u biex iżommu l-indafa. | | Il-Kunsill iħeġġeġ lir-residenti biex jisseparaw l-iskart aħjar u biex iżommu l-indafa permezz ta' kampanji fuq il-mezzi soċjali. |
| 4. | Il-Kunsill joffri l-aħjar servizzi ta' tindif u ġbir ta' skart madwar il-lokalità, inkluż teħid ta' inizjattivi differenti biex isir aktar separazzjoni tal-iskart. | | Il-Kunsill jaħdem mar-Reġjun biex joffri l-aħjar servizzi ġbir ta' skart u jieħu inizjattivi biex isir aktar separazzjoni tal-iskart. |
| 5. | Il-Kunsill jipprepara strateġija kif jista' jagħti dehra aktar nadifa tal-lokalità li xi drabi ma tinkludix biss tindif iżda tinvolvi manutenzjoni jew interventi mill-propjetarji ta' siti u binjiet madwar il-lokalità. | | Il-Kunsill jipprepara strateġija u possibilment leġiżlazzjoni (Bye Law) kif jista' jagħti dehra aktar nadifa tal-lokalità li xi drabi ma tinkludix biss tindif iżda tinvolvi manutenzjoni jew interventi mill-propjetarji ta' siti u binjiet madwar il-lokalità. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 6. | Il-Kunsill jaħdem fuq proġetti li jiġġeneraw enerġija alternattiva u sostenibbli, inkluż f'toroq, ġonna u spazji pubbliċi. | | Fejn ikun hemm il-possibiltà l-Kunsill jaħdem fuq proġetti li jiġġeneraw enerġija alternattiva u sostenibbli, inkluż f'toroq, ġonna u spazji pubbliċi.<br><br>Il-Kunsill jagħti attenzjoni partikulari liċ-Ċentru Ċiviku biex jikkonsma l-inqas enerġija possibli billi fost l-oħrajn jinstalla aperturi double glazing, jinstalla pannelli fotovoltajċi moderni u jibdel u joħloq sistema ta' dawl effiċjenti. |
| 7. | Ikompli jinstalla reċipjenti għar-rimi tal-iskart (litter u doggy bins). | | Wara li fl-aħħar snin il-Kunsill installa numru ta' litter u doggy bins madwar il-lokalità kollha, il-pass li jmiss ikun li jinstalla recycling bins bil-possibiltà li jkunu smart. |
| 8. | | | Flimkien mal-awtoritajiet ċentrali l-Kunsill jara li jikkontrolla s-sitwazzjoni tal-caravans matul il-kosta. Il-Kunsill jerġa jressaq u japprova l-bye law biex jikkontrolla dan. |

## EDUKAZZJONI

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-Kunsill joħloq opportunitajiet biex ir-residenti kollha, bla ebda distinzjoni, | | Il-Kunsill joħloq opportunitajiet biex ir-residenti kollha, bla ebda distinzjoni, jkomplu jiżviluppaw |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | jkomplu jiżviluppaw ruħhom fuq ħiliet, studji akkademiċi, korsijiet fiżiċi, snajja, qari, kompjuter u teknoloġija. Għal dan il-għan il-Kunsill ikompli jorganizza numru ta' korsijiet u fejn il-post ma jippermettix għandu jasal fi ftehim mal-iskejjel biex jorganizza l-korsijiet hemm hekk. | | ruħhom fuq ħiliet, studji akkademiċi, korsijiet fiżiċi, snajja, qari, kompjuter u teknoloġija. Għal dan il-għan il-Kunsill ikompli jorganizza numru ta' korsijiet u fejn il-post ma jippermettix għandu jasal fi ftehim mal-iskejjel biex jorganizza l-korsijiet hemm hekk. |
| 2. | Il-Kunsill jaħdem biex ikabbar iċ-ċentru ċiviku biex ikollu spazju addizzjonali għal dawn it-tip ta' servizzi. | | Il-Kunsill japplika mill-ġdid għad-devoluzzjoni taċ-Ċentru Ċiviku biex ikun jista' jikkontrolla l-użu u anki jkabbar l-ispazju. |
| 3. | Il-Kunsill iżomm l-aħjar relazzjoni mal-iskejjel tal-lokalità. | | Il-Kunsill jibqa' jżomm l-aħjar relazzjoni mal-iskejjel tal-lokalità filwaqt li jorganizza attivitajiet flimkien. |
| 4. | Il-Kunsill ikompli jattrezza u jsebbaħ il-librerija lokali u jagħmilha aktar aċċessibli. | | Il-Kunsill ikompli jattrezza u jsebbaħ il-librerija lokali u jagħmilha aktar aċċessibli. |
| 5. | Jesplora mezzi innovattivi kif jagħmel il-librerija aktar interessanti u popolari bil-għan li jżid il-qari. | | |

## ARTI U KULTURA

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Sabiex jagħti aktar importanza l-arti u l-kultura l-Kunsill jinċentiva l-għaqdiet lokali biex itejjbu l-prodott tagħhom u jkomplu jorganizzaw attivitajiet fuq dan il-qasam. Għal dan il-għan il-Kunsill irid iżomm kuntatt kontinwu mal-għaqdiet kulturali lokali. | | Sabiex jagħti aktar importanza l-arti u l-kultura l-Kunsill jinċentiva l-għaqdiet lokali biex itejjbu l-prodott tagħhom u jkomplu jorganizzaw attivitajiet fuq dan il-qasam bi sħab mal-Kunsill. Għal dan il-għan il-Kunsill irid iżomm kuntatt kontinwu mal-għaqdiet kulturali lokali. |
| 2. | Il-Kunsill għandu jkompli joffri l-opportunitajiet lill-artisti lokali biex ikabbru t-talenti tagħhom. Dan isir billi jorganizza jew jgħin biex ikunu organizzati wirjiet u espożizzjonijiet artistiċi, iwassal l-arti barra mill-pajjiż u jorganizza taħriġ. | | Il-Kunsill għandu jkompli joffri l-opportunitajiet lill-artisti lokali biex ikabbru t-talenti tagħhom. Dan isir billi jorganizza jew jgħin biex ikunu organizzati wirjiet u espożizzjonijiet artistiċi, iwassal l-arti barra mill-pajjiż u jorganizza taħriġ. |
| 3. | Il-Kunsill ikompli jorganizza attivitajiet kulturali biex ikabbar il-kultura u t-tradizzjonijiet lokali. | | Il-Kunsill ikompli jorganizza attivitajiet kulturali biex ikabbar il-kultura u t-tradizzjonijiet lokali. Fejn hu possibli l-Kunsill għandu jingħaqad ma' għaqdiet lokali u b'hekk jimmassimizza r-riżorsi. |
| 4. | Il-Kunsill joħloq opportunitajiet għaż-żgħażagħ biex ikunu aktar kreattivi u jkunu konxji mill-kultura lokali. | | Il-Kunsill joħloq opportunitajiet għat-tfal u ż-żgħażagħ biex ikunu aktar kreattivi u jkunu konxji mill-kultura lokali. Dwar dan il-Kunsill jorganizza aktar attivitajiet mal-iskejjel lokali. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5. | Il-Kunsill joffri spazju fiċ-Ċentru Ċiviku biex isiru wirjiet artistiċi eċċ. | | Il-Kunsill joffri spazju fil-Mitħna biex isiru wirjiet artistiċi jew attivitajiet kulturali. |

## KOMUNIKAZZJONI U KONSULTAZZJONI

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-Kunsill għandu jaċċerta li jżomm l-aqwa komunikazzjoni possibli mar-residenti. Surveys regolari | | Il-Kunsill għandu jaċċerta li jżomm l-aqwa komunikazzjoni possibli mar-residenti. Isiru surveys regolari. |
| 2. | Il-Kunsill iżomm l-aqwa relazzjoni possibli mal-għaqdiet lokali kollha. | | Il-Kunsill iżomm l-aqwa relazzjoni possibli mal-għaqdiet lokali kollha. |
| 3. | Jikkonsulta mar-residenti f'kull proġett li jsir. | | Il-Kunsill jibqa' jikkonsulta mar-residenti f'kull proġett li jsir. |

## SERVIZZI MILL-UFFIĊJU TAL-KUNSILL

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Inkomplu noffru servizzi ta' eċċellenza billi nattrezzaw l-uffiċini tal-Kunsill biex jaqdu l-ħtiġijiet tal-pubbliku u joffru ambjent akkoljenti. | | Il-Kunsill jattrezza aħjar u jsebbaħ l-uffiċini sabiex il-post li minnu joffri s-servizzi jkun wieħed akkoljenti u li jixraq kemm lir-residenti u lill-uffiċjali li joffri l-istess servizz. |
| 2. | Intejjbu s-sistemi interni u nisfruttaw it-teknoloġija biex l-amministrazzjoni tkun aktar effiċjenti u effettiva. | | Il-Kunsill ikompli jtejjeb is-sistemi interni u jisfrutta t-teknoloġija biex l-amministrazzjoni tkun aktar effiċjenti u effettiva. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3. | Nagħmluha aktar faċli li persuna jinqeda mill-kumdità ta' daru mingħajr ma nnaqqsu l-kuntatt uman. | | Wara ħidma fl-aħħar snin flimkien mal-evoluzzjoni teknoloġika, persuna jista' jinqeda mill-kumdità ta' daru mingħajr ma jkollu għalfejn jersaq lejn l-uffiċini tal-Kunsill. Madanakollu mhux is-sistemi kollha jinkludu *back-end* li tiffaċilità x-xogħol amministrattiv u għalhekk għandhom jiżdiedu s-sistemi li permezz tagħhom, waqt li pesuna tutilizza tali sistemi biex tikseb servizz, tnaqqas u ttejjeb il-proċess amministrattiv. |

## KOMMUNITA KUMMERĊJALI

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-Kunsill ikompli jżomm kuntatt mill-qrib man-negozji, jsostnihom biex ikabbar l-ekonomija lokali u b'hekk itejjeb is-servizzi li teħtieġ il-komunità. | | Il-Kunsill ikompli jżomm kuntatt mill-qrib man-negozji, jsostnihom biex ikabbar l-ekonomija lokali u b'hekk itejjeb is-servizzi li teħtieġ il-komunità. |
| 2. | Ikun ippubblikat *Business Directory* ġdid inkluż b'mod diġitali. | Minħabba l-avvanzi teknoloġiċi din m'għadiex aktar bżonn. | |
| 3. | Jinħatar sotto-kumitat għan-negozji. | Il-Kunsill għandu jiddeċiedi jekk din iħallihiex. | |

## FONDI EWPROPEJ

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-Kunsill jimbarka fuq ħidma biex jakkwista fondi ewropej għal diversi inizjattivi u proġetti madwar l-lokalità. | Din issir dejjem | Il-Kunsill ikompli jisfrutta l-opportunitajiet biex jakkwista fondi ewropej għal diversi inizjattivi u proġetti madwar l-lokalità. |
| 2. | Jgħin lill-għaqdiet lokali biex jieħdu kull opportunità possibli minn fondi ewropej. | Hemm bizzejjed facilitajiet centrali u kulħadd jaf x'għandu jagħmel. | |
| 3. | Iġedded l-iskambji u l-ġemellaġġi bil-għan li tibbenefika l-komunità u l-kultura lokali. | | Iġedded l-iskambji u l-ġemellaġġi bil-għan li tibbenefika l-komunità u l-kultura lokali. |
| 4. | Isaħħaħ u joħloq networking ma lokalitajiet barranin. | | Isaħħaħ u joħloq networking ma lokalitajiet barranin. |

## TURIZMU

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-Kunsill jagħti importanza lit-turiżmu lokali. | | Il-Kunsill konxju mill-importanza tat-turiżmu biex ikabbar in-negozju lokali u joħloq opportunitajiet lil kull min b'xi mod jaħdem fil-kultura u l-arti. Għalhekk għandu jieħu kull inizjattiva possibli biex ikabbar il-prodott turistiku. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2. | Jiddiskuti ma’ operaturi turistiċi/B&B Lukandi sabiex joħloq inizjattivi konġunti. | | Jiddiskuti ma’ operaturi turistiċi/B&B Lukandi sabiex joħloq inizjattivi konġunti. |
| 3. | Jippubblika ktieb bir-ritratti tal-lokal. | | Il-Kunsill joħloq kompetizzjoni tal-fotografija għal ritratti tan-Naxxar bil-għan li l-istess ritratti jkunu ppubblikati fi ktieb. |
| 4. | Jippubblika ktieb b’rakkonti minn persunaġġi Naxxarin. | | Jippubblika ktieb b’rakkonti minn persunaġġi Naxxarin. |
| 5. | Isir filmat fuq in-Naxxar. | | Isir filmat fuq in-Naxxar. |
| 6. | Issir promozzjoni lin-Naxxar b’mezzi relatati mat-turiżmu. | | Issir promozzjoni lin-Naxxar b’mezzi relatati mat-turiżmu. Dan jista’ jsir bi sħab mar-Reġjun. |
| 7. | Issir mappa turistika ġdida. | | |
| 8. | Tingħata importanza lil dan is-settur fil-pjan lokali (Master plan). | | |

## QASAM SOĊJALI

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Intejbu s-servizzi fid-Day Care Centre billi norganizzaw taħditiet għall-anzjani. | Ikunu organizzati regolarment. | |
| 2. | Niżguraw li l-Anzjani tagħna jkollhom fejn jiltaqgħu spiss biex b’hekk ikollhom | | Niżguraw li l-Anzjani tagħna jkollhom fejn jiltaqgħu spiss biex b’hekk ikollhom svog u ħin fejn jirrilassaw u jikkomunikaw ma’ ħaddieħor. Dan ma japplikax |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | svog u ħin fejn jirrilassaw u jikkomunikaw ma' ħaddieħor. | | biss għaċ-Ċentru tal-Anzjanità Attiva iżda l-Kunsill jattrezza u jsebbaħ il-pjazzetti u ċertu toroq billi jinkludi aktar faċilitajiet għall-pedonali. |
| 3. | Tibqa' tiġi organizzata l-ikla annwali tal-Anzjani. | | Tibqa' tiġi organizzata l-ikla annwali tal-Anzjani. |
| 4. | Jiġu organizzati attivitajiet għal-anzjani. | | Jiġu organizzati attivitajiet għal-anzjani. |
| 5. | Il-Kunsill bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali, għandu jimbarka fuq programm sabiex fin- Naxxar jitwaqqaf Ċentru ta' matul il-lejl (Night Shelter). | | |

## SPORTS

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-kunsill jimbarka fuq programmi ta' attivitajiet sportivi biex inferrxu dejjem aktar il-kultura sportiva. | | Il-kunsill jimbarka fuq programmi ta' attivitajiet sportivi biex inferrxu dejjem aktar il-kultura sportiva. |
| 2. | Jorganizza Maratona / Fun Run kull sena, | | Jorganizza Maratona / Fun Run kull sena, |
| 3. | Jaħdem aktar mill-qrib mal-organizzazzjonijiet Sportivi u noffru faċilitajiet lill-għaqdiet lokali għall-użu sportiv. | | Il-Kunsill Jaħdem aktar mill-qrib mal-organizzazzjonijiet Sportivi u joffri faċilitajiet lill-għaqdiet lokali għall-użu sportiv. |

| | | |
|---|---|---|
| 4. Isir tentattiv biex noffru opportunità liċ-ċiklisti jżuru pajjiżi barranin u jipprattikaw l-isports tagħhom hemm. | | |
| 5. Ikunu installati numru ta' *bicycle racks*. | | Ikunu installati numru ta' *bicycle racks* u bike repair station. |

## INIZJATTIVI FAVUR L-ANNIMALI

| | | |
|---|---|---|
| 1. Noħolqu *pet areas* fil-lokalita' billi nagħmlu użu minn spazji pubbliċi li jkunu aċċessibli għall- pets. | | |
| 2. Laqgħat mal-cat feeders biex nghinuhom u naghtuhom support u possibiltajiet ta' fondi lokali mill-Animal Welfare. | | Isiru laqgħat mal-cat feeders biex ngħinuhom u nagħtuhom support u possibiltajiet ta' fondi lokali mill-Animal Welfare. |
| 3. Flimkien man-negozji kummerċjali indaħħlu kultura ta' "Pet friendly". | | Flimkien man-negozji kummerċjali indaħħlu kultura ta' "Pet friendly". |

## TISBIEĦ U PROĠETTI

| | | |
|---|---|---|
| 1. Il-kunsill jiżgura li l-Proġetti li diġà ġew mniehda jitwettqu matul dawn il-ħames snin. | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2. | Iwettaq proġett ta' tibdil ta' lampi bi stil tradizzjonali fit-Triq Marquis Scicluna. | | Iwettaq proġett ta' tibdil ta' lampi bi stil tradizzjonali fit-Triq Marquis Scicluna. |
| 3. | Ikun installat dawl ġdid fi Triq Castro permezz ta' lampi bi stil tradizzjonali. | | Ikun installat dawl ġdid fi Triq Castro permezz ta' lampi bi stil tradizzjonali. |
| 4. | Isir proġett biex jitneħħew il-wajers minn Triq Santa Luċija u toroq oħra antiki. | Saru laqgħat fuq il-post mat-tekniċi u l-entitajiet. Minħabba l-ammont kbir ta' servizzi li għaddejjin taħt l-art, proġett bħal dan ilaħħaq il-miljuni ta' Ewro. Apparti hekk jidhrilna li l-Gvern kien tagħna x'nifhmu li x-xogħlijiet tat-toroq se jinkludu l-water u service culverts, xi ħaġa li mhux qed issir. | |
| 5. | Tisbieh f'Xatt il-Palm, Bahar ic-Caghaq. | Il-Kunsill issottometta applikazzjoni ma' Project Green. Il-proġett smat Eur1.6m. | Kif il-Kunsill jiżgura l-ksib ta' fondi, jwettaq tisbieħ f'Xatt il-Palm f'Baħar iċ-Ċagħaq. |
| 6. | Tisbieh u manteniment fil-gnien Santa Marija ta' l-Angli | | Tisbieh u manteniment fil-gnien Santa Marija ta' l-Angli. |
| 7. | | | Tisbieħ fi Triq Anton Manwel Caruana. |
| 8. | Outdoor gym fis-Sagħjtar | Peress li dan jgħodd mill-bidu tas-sena 2023, titneħħa mid-dokument tas-sena d-dieħla. | Outdoor gym fis-Sagħjtar. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 9. | Bandli godda fi ġnien il-Ħamrija is-Sagħjtar | Twettaq | |
| 10. | Outdoor gym/bandli ġo San Pawl tat-Targa | Wara konsultazzjoni mar-residenti ġie deċiż li jsir bandli – mistenni jkun imwettaq fl-2023. | Isir bandli f'Masġar it-Tfal f'San Pawl tat-Tarġa. |
| 11. | Ġnien f'Birguma | Kien identifikat sit fi Triq San Mark imma kellu jkun imwarrab minħabba oġġezzjonijiet mir-residenti. | |
| 12. | Restawr tal-Mitħna tal-Għaqba bl-għan ewlieni li jkun ta' post kulturali u turistiku | Peress li dan jgħodd mill-bidu tas-sena 2023, titneħħa mid-dokument tas-sena d-dieħla. | |
| 13. | Bini ta' sular ieħor fuq il-bini tal-Kunsill, inkluż multi-purpose Hall biex ikollu spazju adekwat biex jopera u biex noffru aktar servizzi lir-residenti. | Il-Kunsill se jkollu l-ewwel japplika għad-devoluzzjoni – Din se ssir fl-2023 – se titneħħa minħabba li msemmija aktar qabel. | |
| 14. | | | Isir proġett għall-Pjazza Vitorja biex tissebbaħ l-aktar żona importanti fin-Naxxar, innaqqsu t-tniġġiż min din iż-żona, noffru aktar spazju għall-kreattività, l-arti u l-kultura, u tkabbar il-kummerċ lokali. |
| 15. | Tibdil tal-bankina fil-parti ta' fuq tal-Labour avenue sa Pizza Planet | Minħabba l-pjan ta' rikostruzzjoni ta' Vjal il-21 ta' Settembru minn IM il-ħsieb kellu jitwarrab.... | Isir bdil, irranġar u disinjar mill-ġdid tal-bankini fil-parti ta' fuq ta' Triq tal-Labour. Dan ix-xogħol isir mal-eventwali proġett ta' tisbieħ fil-Pjazza. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 16. | Pjan ta' zona pedestrian friendly fit-triq Leli Falzon | | Pjan ta' tisbieħ u ta' zona pedestrian friendly fi triq Leli Falzon. |
| 17. | Nistabbilixxu żoni oħra ta' tisbieħ fejn jitgawdew mill-pubbliku. Dan jinkludi l-possibiltà ta' ħolqien ta' pjazzettI f'diversi żoni. | | Nistabbilixxu żoni oħra ta' tisbieħ fejn jitgawdew mill-pubbliku. Dan jinkludi l-possibiltà ta' ħolqien ta' pjazzettI f'diversi żoni bħal:<br>a) D-dawra tal-Knisja ta' San Pawl,<br>b) Quddiem iċ-Ċentru Pastorali tas-Sgħajtar,<br>c) Quddiem il-Kappela ta' San Ġwann.<br>d) Quddiem il-Kappella tal-Magħtab<br>e) Pjazza Darnino<br>f) Pjazza Castro<br>g) Birguma<br>h) Quddiem il-Mitħna tal-Għaqba |
| 18. | Il-Kunsill jibda l-proċess ta' devoluzzjoni tat-Torri tal-Kaptan. | | Il-Kunsill jibda l-proċess ta' devoluzzjoni tat-Torri tal-Kaptan. |
| 19. | | | Iwettaq proġetti fil-kosta biex joħloq żoni ta' rikreazzjoni għall-familji, inkluż it-tpoġġija ta' caravans b'mod ikkontrollat. |

## ATTIVITAJIET

| | | |
|---|---|---|
| 1. Il-Kunsill jiżgura li jkompli jorganizza numru ta' attivitajiet. Dawn ikunu: | | Il-Kunsill jiżgura li jkompli jorganizza numru ta' attivitajiet. Dawn ikunu: |
| a. Jum in-Naxxar | | Jum in-Naxxar |
| b. Gieh In- Naxxar | | Gieh In- Naxxar |
| c. Karnival fin-Naxxar | | Attività tal-Karnival għat-tfal li tista' tkun permezz ta' arranġament mal-iskejjel fin-Naxxar |
| d. Jum il-Mara | | Jum il-Mara |
| e. Il-Mixgħela | | Il-Mixgħela |
| f. Milied Malti Fin-Naxxar | | Milied Malti Fin-Naxxar b'mod kreattiv u oriġinali li ma jkunx irid jikkompeti ma' attivitajiet simili madwar il-pajjiż. |
| g. Maratona sportiva kull sena | | Maratona sportiva kull sena |
| h. Familja Attiva | | Familja Attiva |
| i. Halloween | | Attività tal-Halloween għat-tfal li tista' ssir bi sħab mal-għaqdiet lokali. |

| | | |
|---|---|---|
| j. Attivitajiet sportivi | | Attivitajiet sportivi |